# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha 8 ta' Gunju, 2001 .

### Citazzjoni numru : 205/99G1(PC)

**A.F. Ellis Ltd .**

**vs**

**Segretarju Permanenti,**
**Ministeru tal-Gustizzja u Gvern Lokali.**

**Il-Qorti ,**

**Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici, wara li ppremettiet :**

**Illi s-socjeta' attrici inghatat kuntratt ta' appalt mill-konvenut ghall-fornitura u tqeghid ta' xoghol ta' rham u madum tal-muzajk fid-"Dar ta' Katalunja" fi Triq Marsamxett, Valletta, gja sede tal-ministeru konvenut ;**

**Illi x-xoghlijiet kuntrattati twettqu kollha sas-sajf tal-1996 u l-konvenut iddawwar biex jeffetwa l-pagamenti relattivi ;**

**Inoltre illi nqalghu xi divergenzi fil-konteggi, liema divergenzi gew rizolti f'Dicembru 1998 ;**

**Illi l-bilanc li kien ghad hemm dovut ghal hlas skond kif irrizulta mic-certifikazzjonijiet kollha tal-arkitett tal-konvenut, il-perit Alex Torpiano, kienet ta' elf mitejn u sebgha u tmenin lira u tnejn u sebghin centezmu (Lm1,287.72) u t-Taxxa fuq il-Valur mizjud ta' mija u tlieta u disghin lira u hmixtax-il centezmu (Lm193.15) kif jidher fuq l-anness dokument immarkat Dok. "B" filwaqt illi mic-certifikazzjonijiet precedenti ta' l-istess perit kien ghad hemm dovuta is-somma ta' erba' mija u sitta u sittin lira u centezmu (Lm466.01) kif jidher fuq l-anness dokument immarkat Dok. "C", b'kollox is-somma ta' elf disa' mija u sitta u erbghin lira u tmienja u tmenin centezmu (Lm1946.88) ;**

**Illi minn din is-somma thallset unilateralment biss is-somma ta' elf erba' mija u sitta u sittin lira (Lm1,466) kif jidher fuq l-anness dokument immarkat Dok. "D" u ghaldaqstant, ghad hemm bilanc dovut lis-socjeta' attrici ta' erba' mija u tmenin lira u tmienja u tmenin centezmu (Lm480.88) ;**

**Illi oltre mis-somma hekk dovuta, ghad hemm dovuti l-imghaxijiet legali illi ghaddew fuq il-bilanci dovuti mill-10 ta' Dicembru 1996 'il quddiem, liema imghaxijiet b'kollox ammontaw ghas-somma ta' seba' mija u erbgha u sebghin lira u tnax-il centezmu (Lm774.12) sal-10 ta' Ottubru, 1999 .**

**Illi s-somma ghaldaqstant dovuta lis-socjeta' attrici hija ta' elf mitejn u hamsa u hamsin lira (Lm1,255) kif jirrizulta mill-annessa rezokont immarkat Dok. "E" .**

**Illi l-ammont fuq imsemmi ta' elf mitejn u hamsa u hamsin lira (Lm1,255) huwa cert, likwidu u dovut u l-istanti nomine halef dan b'affidavit hawn anness u mmarkat Dok. "A" kif ukoll halef li fil-fehma tieghu l-konvenut ma' ghandu l-ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talbiet tas-socjeta' attrici ;**

**Illi l-konvenut gie interpellata inutilment bosta drabi biex ihallas l-imsemmi ammont dovut .**

**Talbet lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti, in vista ta' l-affidavit Dok. "A" u ghar-ragunijiet l-ohra premessi :**

1. **Tipprocedi ghas-sentenza minghajr is-smigh tal-kawza u dana skond l-Artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) .**

2. **Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn u hamsa u hamsin lira (Lm1,255) rapprezentanti bilanc minn somma ikbar dovuta mill-konvenut lis-socjeta' attrici kif ukoll l-imghaxijiet legali dekorsi fuq tali bilanc kif imsemmi .**

**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali tal-10 ta' Dicembru 1996, tas-16 ta' Gunju, 1999 u tad-29 ta' Settembru 1999 .**

**Bl-imghax legali ulterjuri mill-10 ta' Ottubru, 1999 sad-data tal-hlas effettiv u bl-ingunzjoni tal-konvenut debitament imharrek ghas-subizzjoni .**

**Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta' attrici kkonfermata bil-gurament ta' l-avukat dottor Joseph Ellis .**

**Rat ukoll l-Affidavit ta' l-istess avukat dottor Joseph Ellis f'isem is-socjeta' attrici .**

**Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Jannar 2000 fejn ammettiet lill-konvenut iressaq l-eccezzjonijiet tieghu .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi :**

1. **Din il-kawza jmissha giet istitwita quddiem il-Qrati ta' Malta stante li l-Ministeru tal-Gustizzja mhuwiex legalment rapprezentat fil-gzira ta' Ghawdex .**

2. **Subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, illi l-ammont ta' elf mitejn u hamsa u hamsin lira (Lm1,255) – kompost mill-ammonti ta' erba' mija u tmenin lira u tmienja u tmenin centezmu (Lm480.88) sorte u seba' mija u erbgha u sebghin lira (Lm774) interessi rispettivament – li qed jintalab mis-socjeta' attrici mhuwiex dovut, u dan ghar-ragunijiet segwenti ;**

3. **Fl-ewwel lok, ebda interessi m'huma dovuti lill-kumpanija attrici stante illi l-partijiet qatt ma ffissaw terminu definit li fih kellu jsir il-hlas, u ghalhekk l-interessi qatt ma setghu jibdew jiddekorru . Fil-fatt, skond il-General Conditions of Contract for the Execution of Works in Malta, li japplikaw f'kull kuntratt fejn ikun qed isir xoghol ghall-Gvern, l-eccipjent intrabat li jeffettwa il-hlas ghax-xoghol tal-kumpannija attrici skond kif hemm stipulat fil-klawsola 20 u cioe' illi "Payment will be made by the Treasury ….. within a reasonable time after due completion of the works …." . Fic-cirkostanzi, il-kumpannija attrici ma jista' jkollha ebda gustifikazzjoni ghal biex titlob il-hlas ta' l-interessi .**

4. **Illi fit-tieni lok, apparti l-interessi, il-kumplament tas-somma mitluba mill-kumpanija attrici, u cioe' Lm480.88, tirrigwarda l-ammont ta' elf mitejn u sebgha u tmenin lira u tnejn u sebghin centezmu (Lm1,287.72) li kien qed jigi precedentement mitlub mis-socjeta' attrici bhala hlas allegatament pendenti fuq ix-xoghol imwettaq minnha . Dan l-ammont ma jistax jigi mhallas mill-eccipjent ghal diversi ragunijiet, li huma :**

a) **l-ammont ta' Lm480.88 ma setax jigi verifikat u ccertifikat mill-konsulent Torpiano tort ta' l-istess socjeta' attrici li damet ma ssottomettiet il-kejl (bill of quantities) taghha . Fin-nuqqas ta' certifikat minn naha tal-konsulent, ma kienx possibbli ghall-eccipjent li johrog lill-kumpanija attrici l-hlas li xtaqet .**

b) **Il-bill of quantities tas-socjeta' attrici ma fih ebda indikazzjonijiet ta' kif twettaq, u fil-fatt m'hu kejl xejn izda**

huwa biss kompost minn cifri . Fin-nuqqas tal-qisien u kalkolazzjonijiet appoziti, il-konsulent Dr. Torpiano ma setax iqabbel ic-cifri attrici mac-cifri tieghu u jara fejn ezattament qeghdin id-diskrepanzi ;

c) Id-dokumenti li baghtet is-socjeta' attrici lill-eccipjenti, u li suppost jindikaw l-ispejjez dovuti lilha, mhumiex invoices izda huma biss statements of balance; ghaldaqstant, dawn ma jaghtux stampa akkurata ta' kemm saru spejjez mill-kumpannija attrici fit-twettiq tax-xoghol in kwistjoni ;

5. Illi s-socjeta attrici qed tippretendi li s-somma ta' Lm480.88 hija kumplament tas-somma ta' Lm1,287,.72 – piu` il-VAT fuqha li jammonta ghal mija u tlieta u disghin lira u hmistax-il centezmu (Lm193.15) – wara li jitnaqqas l-ammont ta' elf erba' mija u sitta u sittin lira (Lm1466.00) imhallas mill-eccipjent . Din il-pretensjoni hi ghal kollox falza, peress illi – kif l-istess attur jaf ben tajjeb – is-somma ta' Lm1466 ma ghandha x'taqsam ma' ebda kont ta' l-attur . Minn din is-somma, ammont ta' elf lira (Lm1000) gie imhallas mill-eccipjent bhala kompromess bejn l-attur u l-istess eccipjent, u huwa finali .

6. Kuntrarjament ghal dak li qed jallega l-attur, id-dokument 'B' esebit mill-istess attur juri biss li somma ta' Lm1000 giet approvata bhala 'settlement' mill-Justice Division ta' l-Ufficcju tal-Prim Ministru (gia' Ministeru tal-Gustizzja) skond ftehim bejn Is-Segretarju Permanenti ta' allura Direttur tal-Corporate Services s-sur Alfred Demicoli u l-konsulent il-perit A. Torpiano .

7. Illi jidher car li dan il-kompromess gie accettat mill-attur . Tant hu hekk illi huwa sarraf ic-cekk minghajr ma ghamel ebda annotament fuqu li bih jirriserva d-dritt ghal aktar hlas . Kien biss sussegwentement li l-attur zlejalment irrespinga l-kompromess billi talab ghal aktar flus .

8. Illi ghaldaqstant huwa car li ebda parti mis-somma mitluba ma hija dovuta lill-kumpanija attrici u li z-zewg talbiet attrici ghandhom jigu respinti .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjrazzjoni tal-fatti tal-konvenut minnu mahlufa .

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Aprl 2001 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni .

Rat il-verbali tax-xhieda prodotti dwar din l-eccezzjoni .

**Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tas-socjeta' attrici dwar l-istess eccezzjoni .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi permezz ta' din l-eccezzjoni l-konvenut jikkontendi illi l-kawza odjerna messa giet istitwita quddiem il-Qrati ta' Malta stante li l-Ministeru tal-Gustizzja mhuwiex legalment rapprezentat fil-gzira ta' Malta .**

**Ghalkemm din l-eccezzjoni mhix daqstant cara, jidher illi l-konvenut qieghed jirreferi ghall-beneficcju moghti lill-konvenut bis-sahha ta' l-artikoli 741 (c) u 767 tal-Kap. 12 li jigi mharrek fil-gzira fejn ikun abitwalment jirrisjedi .**

**Ma jidhirx kontestat li s-sur Joseph Tabone Adami, is-Segretarju Permanenti prezenti fil-Ministeru tal-Gustizzja jirrisjedi Malta . Lanqas ma hemm ebda dubbju illi s-sede ufficcjali tal-Ministeru minnu rapprezentat jinsab il-belt Valletta .**

**Imma kif qalet din il-Qorti fil-kompetenza taghha bhala Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fuq eccezzjoni simili tal-*privilegium fori* fil-kawza fl-ismjiet: "Maria Rosa Tabone vs. Il-Kummissarju ta' l-Artijiet", moghtija fid-9 ta' Jannar 1990 :**

**"….. huwa opportun li jigi kunsidrat jekk il-*privilegium fori* jistghax jigi invokat minn kap ta' dipartiment u din it-talba issir a bazi tar-residenza tal-persuna li dakinhar tkun qed tokkupa l-kariga, u jekk fin-negattiv jigi kkunsidrat ukoll jekk kap ta' dipartiment tal-Gvern bhala kariga u rrispettivament mir-residenza ta' min qed jokkupa dik il-kariga jistax jitqies li joqghod f'gzira wahda partikolari u mhux fl-ohra .**

**Wara l-emenda fl-artikolu 181 (gia 180A) tal-Kap. 12 (gia Kap. 15) introdotta bl-Att XXIII tal-1971 li pprovdiet *inter alia* li f'kaz ta' skrittura ipprezentata kontra kap ta' dipartiment ma jkunx hemm il-htiega li tissemma l-persuna li jkollha dik il-kariga imma huwa bizzejjed li tissemma l-kariga, in-nuqqas ta' rilevanza tal-partikolaritajiet personali ta' dik il-persuna li tokkupa l-kariga giet enfasizzata u l-legislatur ghamilha iktar cara li l-kariga ghandha tkun distakkata totalment mill-persuna li f'dak iz-zmien tkun qeghdha effettivamnet tokkupaha . F'kaz ta' kawza kontra dipartiment governattiv il-konvenut illum huwa zgur id-dipartimnet governattiv rapprezentat mill-kap 'ut sic' u mhux il-persuna fizika partikolari li tinzerta tokkupa dik il-kariga .**

**Ghaldaqstant huwa evidenti li r-residenza partikolari tal-persuna li tokkupa l-kariga f'certu zmien m'ghandha ebda rilevanza ghall-finijiet tal-*privilegium fori* . Ghalhekk il-Qorti trid tghaddi biex tezamnia jekk dipartiment governattiv rapprezentat mill-kap tieghu jistghax jitqies li joqghod f'xi gzira jew post partikolari . Fl-opinjoni ta' din il-Qorti meta dipartiment governattiv jigi stabilit, dana ma jkunx qed jigi stabilit biss f'dak il-lokal jew post fejn ikollu l-ufficcju principali tieghu biex jaqdi l-funzjonijiet tieghu, imma jkun stabilit fl-Istat kollu . Ghalhekk fejn dipartiment ikollu l-iktar ufficini jew l-ufficcju principali m'ghandu ebda rilevanza, billi l-istess dipartiment inkluza l-kariga tal-kap tieghu m'ghandux residenza formali u ma jistghax jinghad li joqghod f'xi post u mhux fl-iehor u ghandu jitqies li huwa stabilit u jiffunzjona anke f'dawk il-lokali fejn l-istess dipartiment m'ghandux ufficcju .**

**Ghalhekk kap ta' dipartiment bhala tali ma jista' qatt fi skritturi prezentati quddiem il-Qorti jinvoka l-*privilegium fori."***

**Din is-sentenza giet ikkwotata *in toto* ghax tigbor fiha dak kollu li jista' jinghad rigward eccezzjoni bhal dik li ghandha llum quddiema il-Qorti ghall-ezami taghha . Zgur li ma hemm xejn xi zzid mas-sentenza iccitata u ghalhekk, filwaqt illi tadotta l-konkluzjonijiet raggunti fl-istess sentenza ghall-motivi hemmhekk indikati, ghall-istess ragunijiet ukoll tichad din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u thalli l-kawza ghall-kontinwazzjoni .**

**Bl-ispejjez ta' din l-istess eccezzjoni kontra l-konvenut .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**

S20599Pc